MARSA

**Kunsill Lokali**
**Marsa**

# Rapport Amministrattiv
# Sena 2024

*Email: marsa.lc@gov.mt*
*Tel  21220522 / 21224877*

Werrej


| | | |
|---|---|---|
| 1.0 | Il-Kunsill | 3 |
| 1.1 | Responsabbiltajiet | 3 |
| 1.2 | Parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kunsill | 4 |
| 1.3 | Live Streaming | 5 |
| 2.0 | Il-Ħidma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill | 5 |
| 2.1 | Ilmenti u Suġġerimenti | 6 |
| 2.1.1 | Lampi u Bozoz tat-toroq | 6 |
| 2.1.2 | Works Orders | 6 |
| 2.1.3 | Claims | 6 |
| 2.1.4 | Permessi | 7 |
| 2.1.5 | Xogħol ta' tindif u manutenzjoni | 7 |
| 2.1.6 | Skart | 7 |
| 2.1.7 | Bulky Refuse | 8 |
| 2.2 | Laqgħat | 8 |
| 2.3 | Skemi | 8 |
| 2.4 | Ħidma Edukattiva u Soċjali | 9 |
| 2.5 | Xogħlijiet Infrastrutturali u Ambjent | 9 |
| 2.6 | Xiri – Kwotazzjonijiet u Tenders | 10 |
| 3.0 | Attivitajiet | 10 |
| 3.1 | Safar | 11 |
| 4.0 | Riżorsi Umani | 11 |
| 5.0 | Finanzi | 12 |
| 6.0 | Konklużjoni | 12 |

ANNESS I - Rapporti ta' Ħidma tal-Kunsilliera


**Abbrevjazzjonijiet**

RFQ - Request for Quotations

CMD - Cleansing and Maintenance Department

MTA - Malta Tourism Authority

## 1.0 Il-Kunsill

**Introduzzjoni**

Is-Sena elfejn u erba u għoxrin(2024) kienet ikkaratterizzata minn bdil fit-tmexxija ta' bosta Kunsilli Lokali madwar Malta u Għawdex. Dan ġara minħabba l-elezzjonijiet li saru fis-Mejju 2024. Għaldaqstant dan ir-Rapport Amministrattiv ser ikopri l-aħħar sitt xhur ta' ħidma tat-disa leġiżlatura u l-ewwel sitt xhur ta' l-għaxar leġiżlatura. Il-kompożizzjoni tal-Kumitat tal-Kunsill hija bbażata skont il-popolazzjoni kurrenti tal-lokalità ta' Marsa , b'popolazzjoni ta' madwar 5861. Il-Lokalita tal-Marsa tinstab f'Reġjun Nofsinhar.
Il-Kunsill elett matul id-disa leġiżlatura beda jopera b'effett mill-1 ta' Lulju 2019. Din il-leġiżlatura kellha terminu ta' ħames snin, jiġifieri sas-sena 2024.
Dan il-Kunsill kien magħmul mis-Sindku Josef Azzopardi, Viċi Sindku Joseph Scerri u ħames Kunsilliera eletti: Francis Debono, Colin Pace, Dominic Spencer, Charmaine Aquilina u Joseph Lia.
Il-Kunsill elett matul l-għaxar leġiżlatura beda jopera b'effett mill-1 ta' Lulju 2024. Din il-leġiżlatura hija ppjanata li jkollha terminu ta' ħames snin, jiġifieri sas-sena 2029.
Dan il-Kunsill huwa magħmul mis-Sindku Luke Farrugia , Viċi Sindku Josef Azzopardi u ħames Kunsilliera: Gloria Aquilina, Domenic Spencer, Joesph Scerri, Anthony Meilak u Joseph Cachia.
L-amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabbiltajiet kollha skont l-Att XV tal-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, hija mmexxija mid- Deputat Segretarju Eżekuttiv Mariella Strout. Il-ħidma tagħha f'din il kariga bdiet fl-4 ta'Mejju 2024. Hija assistita minn żewġ Assistant Principal, żewġ uffiċjali eżekuttivi fix-xogħol tal-uffiċċju u skrivan. Bejn Jannar 2024 u April 2024 l-uffiċċju amministrattiv kien imexxi min Sur Edward Spiteri Audibert.

### 1.1 Responsabbiltajiet

Biex jgħinu fil-ħidma tiegħu bil-għan li jipproponu, jiddiskutu u jassistu lill-Kunsill fit-tħejjija tal-pjanijiet tiegħu sabiex ikunu mwettqa dawk ir-responsabbiltajiet fdati lill-Kunsill, bħala Gvern Lokali.

**It-9 leġiżlatura**

| | |
|---|---|
| Proġetti, Kultura, Edukazzjoni u Indafa | Sindku s-Sur Josef Azzopardi |
| Ambjent, Infrastruttura u Sigurta' Lokali | Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri |
| Komunitajiet, Qasam Soċjali, Ġonna u l-Integrazzjoni Soċjali | Kunsillier s-Sur Francis Debono |
| Innovazzjoni u ż-Żona tal-Korsa | Kunsillier is-Sur Colin Pace |
| Twinning, Sport u attivitajiet fiżiċi, attivitajiet oħra. | Kunsillier is-Sur Domenic Spencer |
| Iż-żgħazagħ u t-tfal u l-ħarsien tal-Annimali | Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina |

## L-10 leġiżlatura

| | |
|---|---|
| L-Indafa | Sindku Luke Farrugia, Kunsilliera Domenic Spencer u Anthony Meilak |
| L-Infrastruttura | Sindku Luke Farrugia u Kunsillier Anthony Meilak |
| Proġetti | Sindku Luke Farrugia |
| L-Ambjent | Sindku Luke Farrugia u Kunsilliera Gloria Aquilina |
| L-Edukazzjoni | Kunsilliera Joseph Scerri |
| Komunitajiet | Sindku Luke Farrugia u Kunsilliera Anthony Meilak |
| L-innovazzjoni | Kunsilliera Anthony Meilak u Kunsilliera Luke Farrugia |
| Il-Kultura-għaqdiet u attivitajiet | Kunsillier Domenic Spencer |
| L-integrazzjoni Soċjali | Sindku Luke Farrugia, Kunsilliera Domenic Spencer u Gloria Aquilina |
| Il-Qasam Soċjali | Kunsilliera Gloria Aquilina |
| Iż-żgħażagħ u Tfal | Sindku Luke Farrugia |
| Il-Ħarsien tal-Annimali | Sindku Luke Farrugia u Kunsilliera Gloria Aquilina |
| Sport u Attivitajiet Fiżiċi | Joseph Cachia u Domenic Spencer |
| Anżjani | Kunsilliera Anthony Meilak u Sindku Luke Farrugia |
| Sigurta | Sindku Luke Farrugia u Kunsilliera Joesph Scerri |
| Ġemelaġġi | Kunsillier Domenic Spencer |
| Ġonna Soft Areas | Kunsillier Domenic Spencer u Sindku Luke Farrugia |
| Stazzjon tat-tramm, tlestija ta' Ġnien Spencer u l-kmamar tal-open center . | Viċi Sindki Josef Azzopardi |

## 1.2 Parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kunsill

Bejn l-1 ta' Jannar u Ġunju 2024 inżammu ħames laqgħa tal-Kunsill Lokali.
L-attendenza kienet hekk kif murija fit-tabella t'hawn taħt.

## Tabella tal-attendenza tal-Kunsilliera

### L-attendenza tal-Kunsilliera matul is-sena 2024 – Leġiżlatura 9 - Jannar sa Ġunju

| Kunsillier | Laqgħat | Preżenti | Skużat/a | Assenti |
|---|---|---|---|---|
| Josef Azzopardi | 5 | 5 | 0 | 0 |
| Joseph Scerri | 5 | 3 | 2 | 0 |
| Francis Debono | 5 | 0 | 2 | 3 |
| Colin Pace | 5 | 1 | 4 | 0 |
| Domenic Spencer | 5 | 5 | 0 | 0 |
| Charmaine Aquilina | 5 | 0 | 5 | 0 |
| Joseph Lia | 5 | 4 | 1 | 0 |

### L-attendenza tal-Kunsilliera matul is-sena 2024 – Leġiżlatura 10 - Lulju sa Diċembru

Bejn l-1 ta' Lulju u Diċembru 2024 nżammu 9 laqgħat tal-Kunsill Lokali, li 1 minnhom kienet b'urġenza.
L-attendenza kienet hekk kif murija fit-tabella t'hawn taħt.

| Kunsilliera | Laqgħat | Preżenti | Skużat/a | Assenti |
|---|---|---|---|---|
| Luke Farrugia | 9 | 9 | 0 | 0 |
| Josef Azzopardi | 9 | 7 | 2 | 0 |
| Gloria Aquilina | 9 | 9 | 0 | 0 |
| Joseph Scerri | 9 | 8 | 1 | 0 |
| Domenic Spencer | 9 | 8 | 1 | 0 |
| Anthony Meilak | 9 | 9 | 0 | 0 |
| Joseph Cachia | 9 | 8 | 1 | 0 |

### 1.3 Live Streaming

Il-Kunsill baqa' jxandar il-laqgħat tiegħu permezz tal-internet. Ix-xandir tal-laqgħat tal-Kunsill huwa aċċessibbli permezz ta' din il-link:

https://marsalc.gov.mt/live-streaming/

### 2.0 Il-Ħidma mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill - Servizz lill-Komunità

**It-9 u 10 Leġiżlatura**

Intbagħtu 13,568 **ittra/imejl** u ġew irreġistrati 13,305 korrispondenza oħra, filwaqt li ġew ipproċessati mal-**permessi** dwar xogħlijiet varji fil-lokalità. Il-permessi kienu jinkludu dawk relatati ma' krejnijiet, scaffoldings, attivitajiet, tqegħid ta' skips u tħaffir ta' toroq.

It-tibdil fil-leġislazzjoni fisser ukoll li l-Amministrazzjoni tipprepara id-dokumentazzjoni neċessarja għat ttieħed tal-ġuramenti u tibdel ieħor relatat ma ġbir ta' informazzjoni ta' kull kunsillier elett. Deputat Segretarju Eżekuttiv kienet preżenti għal laqgħat preparatorji u fl-okkażjoni attwali ta' teħid tal-ġuramenti Kunsilliera u Sindku.

Matul is-sena 2024 l-Amministrazzjoni segwiet u korrispondenti ma il-proċess ta' awditjar annwali kif huwa mitlub mill -Uffiċċju Nazzjonali ta' Awditjar. Kienet impenjata tirrispondi għal awditjar tal-proġett Day Center li sar b' fondi Ewropej EAA Norway Grants 2014-2021 *Promoting the Social Inclusion of Senior Citizens in Marsa*. Dan l-eżerċizzju kien impenjattiva li beda min Awissu u qed jiġi finalizzat.

Tkompla il-proċess sabiex jiġi tibda titħaddem sistema ġdida ta' kif jinġabar demel ta' min remissi ta' madwar il-korsa. Din kienet tinvolvi li issir tqassim tal-bins lil kull persuna reġistrata u updates ta' reġistrazzjonijiet. Il-proċess ta'tqassim sar f'zona ta' fejn ir-remissi bl-impenn ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv, Assitanti Principali, Sindku u Kunsilliera.

L-Amministrazzjoni kienet involuta f'kull ħidma relatat mal-kompilazzjonijiet ta' kull skema, bil-ġbir ta' informazzjoni neċessarja, kitba u sottomissjoni ta' l-applikazzjoni. Ma kull skema hemm proċess ta' gwida u

implementazzjoni li jiġi segwiet, u l-uffiċju jieħu ħsieb li dan ix-xogħol issir fil-ħin stipulat kif hu mitlub mid-Diviżjoni ta' l-Implementazzjoni u Strateġija.

L-uffiċjali amministrattivi jieħdu ħsieb il-preparazzjoni ta' skedi ta' pagamenti u korrispondenza relatat mal-laqgħat statutorji tal-Kunsill li jsiru kull xahar, kif ukoll isegwu deċiżjonijiet li jkunu tieħdu waqt dawn il-laqgħat flimkien ma Deputat Segretarju Eżekuttiv u Sindku.

Matul is-sena l-uffiċju amministrattiv isegwi l-istruzzjonijiet li jingħataw min entitajiet oħra governattivi li jkunu ta benefiċċju għal residenti Marsin fosthom li jkollu disponibbli il-ġbir ta' diversi applikazzjonijiet mill-Uffiċċju tal-Kunsill.

## 2.1 Ilmenti u Suġġerimenti

Matul is-sena 2024, il-Kunsill irċieva numru sustanzjali ta' lmenti u suġġerimenti. Dawn jintlaqgħu b'mezzi bħat-telefon, imejls, minn fuq il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill,dawk li jiġu direttament l-Uffiċċju tal-Kunsill, mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u entitajiet Governativi oħra. Il-Kunsill jirċievi ilmenti dwar, l-istat tat-toroq, skart, skart goff u kull xorta ta' vandaliżmu.

Kien jinħass il-bżonn li jisaħħaħ il-front office tal-Kunsill sabiex ir-resident ikun jista' jingħata servizz malajr u effiċjenti. Għalhekk ġie sekondit skrivan mid-dipartiment tal-Gvern Lokali fl-aħħar sitt xhur tas-sena 2024. Dan il-pass jidher li qed iħalli riżultat pożittiv.

Jista' jkun li wħud minn dawn l-ilmenti baqgħu ma ġewx solvuti sal-aħħar tas-sena 2024, iżda żgur li kullħadd jipprova jagħmel l-almu tiegħu kollu sabiex ir-residenti jinqdew fil–pront.

### 2.1.1 Lampi u bozoz tat-toroq

Ġew mgħoddija ilment mill-kuntrattur tal-Kunsill bejn Jannar u Diċembru ġew mgħoddija 121 ilment

### 2.1.2 Work Orders

It-**9 u 10 leġiżlatura**

**Jannar 2024 sat-Diċembru 2024**

| | |
|---|---|
| Totali | |
| Konklużi | 265 |

**Id-9 u 10 leġiżlatura**

**1 ta' Jannar 2024 sas- 31ta' Diċembru 2024**

### 2.1.3 Claims relatati ma' vetturi

01/01/2024 - 30/12/2024

**Ħlas fi Claims**

Il-Kunsill kellu claim waħda iżda minħabba nuqqas ta' evidenza din ma ġietx aċċettata.

### 2.1.4 Permessi maħruġa mill-uffiċċju tal-Kunsill

Jannar 2024 sa Diċembru 2024

| Nru ta' Permessi | Trasferiment Bankarju | Ammont totali f'Permessi |
|---|---|---|
| 1931 | **€ 11,285.35** | **€34,468.67** |

### 2.1.5 Xogħol ta' tindif u manutenzjoni mwettqa mill-Kunsill

- Tindif u manutenzjoni ta' Soft Areas. Din is-sena sar xogħol ta' rutina.
- Tindif u manutenzjoni tal–pjazza ta' ġonna, fosthom, il- vaska, il-bankijiet, bdil ta' lampi u żebgħa tal-bankijiet,l-ħitan mad-dawra, playing fields u zona tal-korsa.
- Saru xogħolijiet ta' manutenzjoni ta' Reġjun Nofsinhar
- Sar tindif u manutenzjoni ta' l-IT cabinet mill-Uffiċjal Maniġerjali

### 2.1.6 Skart

- Fil-1 ta' Jannar 2023 ġiet introdotta skeda nazzjonali ġdida ta'gbir ta' skart. L-iskrivani tal-Kunsill għamlu minn kollox sabiex jgħaddu l-informazzjoni korretta lir-residenti.
- L-uffiċċju tal-Kunsill ħa ħsieb li jipparteċipa fi kampanji ta tindif
- F'Ottubru ġie ffirmat Ftehim ma Clean Malta
- Il- problema tal-iskart hija waħda inkwetanti fil-lokalità tant li l-Kunsill ikollu jagħmel ġbir addizzjonali sabiex iżomm il-lokalità nadifa.
- F' Mejju 2024 is-Sindku sejjaħ laqgħa mal-*istakeholders* kollha tal-iskart, id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u entitajet bħall-Wasteserve u Reġjun Nofsinhar. Waqt din il-laqgħa ġie diskuss il-frekwenza tal-ġbir u kif l-aħjar tista' tiġi indirizata il-probema tal-iskart

| Kolletur/Tunellati skart u skart goff | Data: Jannar sa Diċembru 2024 |
|---|---|

| | Organic | Mixed (Black bag) |
|---|---|---|
| Jan | 54.66 | 90.95 |
| Feb | 66.28 | 136.38 |
| Mar | 47.84 | 134.88 |
| Apr | 61.96 | 100.48 |
| May | 52.10 | 140.18 |
| Jun | 41.94 | 221.76 |
| Jul | 51.24 | 109.75 |
| Aug | 30.27 | 118.31 |
| Sep | 44.08 | 121.00 |
| Oct | 45.18 | 152.52 |
| Nov | 47.00 | 124.28 |
| Dec | 49.98 | 137.74 |
| **Totali** | **592.53 tunnelati** | **1,588.23 tunnelati** |

**2.1.7 Bulky Refuse**

**Kollezjoni ta' Bulky Refuse mill-kuntrattur tal-Kunsill**

Jannar sa Diċembru għal bulky inġabru **2014**

## 2.2 Laqgħat

L-Aministrazzjoni ħadet ħsieb sabiex torganizza diversi laqgħat ma' diversi stakeholders kif ukoll kienet parteċipi f'laqgħat fejn ġiet mistiedna. Dawn kienu jinkludu laqgħat ma' Infrastructure Malta, mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, ma' Transport Malta, mal-MTA, mal-Awtorità tal-Ippjanar, mal-GHRC, mal-Wasteserve, mal-Pulizija tal-Lokalità, mal-Periti u l-Accountant tal-Kunsil, ma' kuntratturi li għandhom kuntratt mal-Kunsill u kif ukoll ma' diversi entitajiet oħra.

L-uffiċju tal-Kunsill ġie msejjaħ jibgħat rappreżentant sabiex jixhed fil-qorti fuq każijiet li jkunu mressqa mill-Pulizija kif ukoll dwar każijiet li huwa involut il-Kunsill.

Deputat Segretarju Eżekuttiv attendiet Seminar - DLG, Seminar- Strateġija ta' Skemi, Konferenza Stampa CMD, Ċerimonja ta' Ġurament Kunsill Ġdid *Mock Session,* Planning Authority Meeting u Ċerimonja Ġurament Kunsill Lokali.

## 2.3 Skemi

| Skemi 2024 | Reference | Date | Status |
|---|---|---|---|
| Skema għall-attivitajiet kulturali annwali u natalizji 2024 / 2025 | SPI/SCI/5/2024 | 05/07/2024 | On going |
| Finanzjament ta' Proġetti kapitali – Komunitajiet aktar b'saħħithom u inklussivi. | SPI/SCI/02/2024 | 08/02/2024 | On going |
| Espressjoni ta' Interss – Lokalitajiet aktar nodfa | SPI/SCI/03/2024 | 31/05/2024 | On going |
| Skema t'Għajnuna Finanzjarja Milied 2024 | Kunsill Reġjonali Nofsinhar | 24/10/2024 | Completed |
| Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Karnival 2025 | SPI/SCI/08/2024 | 27/11/2024 | On going |
| | | | |

### 2.4 Ħidma Edukattiva u Soċjali

Din is-sena bħal snin preċedenti l-Kunsill għamel l-arranġamenti neċessarji sabiex jagħti dawn is-servizzi:

- Ingħataw il-vaċċin ta' l-Influwenza kif ukoll dik tal-pulmonite u anki tal-Covid lill-anzjani tal-Lokalita'.
- Saru Health check- ups lill-anzjani fil-Binja tal-Kunsill
- Saru Dental check -ups permezz tal-Mobile Dental Unit li ġie provdut mill-Universita' ta' Malta

## 2.5 Xogħlijiet Infrastrutturali u Ambjentali

### It-9 u 10 leġiżlatura

Saru bosta xogħlijiet infrastrutturali fil-lokalità

- Ġie iffirmat Memorandum of Understanding ma' Infrastructure Malta mal- Public works sabiex issiru numru ta' bankini u xogħolijiet oħra.
- Ġie iffirmat Memorandum of Understanding ma Clean Malta
- Ġew installati CCTV cameras fi diversi zoni madwar il-lokalita sabiex jilqaw għal abbuż ta' l-iskart maħruġ illegalment
- Ammont ta' tarmak użat Jannar sa Diċembru 2024 – EUR 288.86

## 2.6 Xiri – Tenders u Kwotazzjonijiet

### It-9 u 10 leġiżlatura

- Inħarġu 12 kwotazzjoni –10 awarded, 1 not awarded u 1 pendenti.
  Lista ta' kwotazzjonijiet annessa ma' dan ir-Rapport

| | Quotations | Awarded | Not Awarded | Pending |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Service of a Minibus to provide transport for summer school | ✓ | | |
| 2 | Purchase of CCTV Cameras | ✓ | | |
| 3 | Supply and Installation of Doggy Bins | ✓ | | |
| 4 | Flights and Accomodation for Brussels | ✓ | | |
| 5 | Purchase of a Travelling Insurance | ✓ | | |
| 6 | Cleaning and Maintenance of Public Gardens | | ✓ | |
| 7 | Purchase of a Tablet | ✓ | | |
| 8 | Quotations for the supply of number stickers | ✓ | | |
| 9 | Supply and installation of CCTV Cameras with Solar Panel | ✓ | | |
| 10 | Car Insurance | ✓ | | |
| 11 | Service of Transport Christmas Event | ✓ | | |
| 12 | Hiring of Van | | | ✓ |

**Tenders- ħarġet 3 il-sejjħa fuq EPPS tendering platform**

## 3.0 Attivitajiet Kulturali, Soċjali u Sportivi
### It-9 u 10 leġiżlatura

- **Ġieħ Jum il Marsa**

Jum il-Marsa ġiet iċċelebrata nhar il-Ħadd 21 ta' Jannar 2024 billi saret quddiesa fil-parroċċa ta' Marija Reġina fid-9.30 ta' filgħodu. Waqt l-istess okkazzjoni inagħtaw ċertifikati ta' apprezzament lis-Sur Ernest Agius, is-Sur Raymond Ferriggi, is-Sur Alfred Ferriggi u s-Sur Pawlu Sciberras. Filwaqt li Ġieħ il-Marsa ġie ippreżentat lis-Sur George Attard, lis-Sur Gaetano Bezzina, lis-Sur Lawrence Castillo, lis-Sur Albert Pace Tagliana, lil Fr Alfred Scerri, lis-Sur Joseph Mercieca, lis-Sur Louis Attard, lil Kav. Alfred Camilleri Cauchi u lis-Sur Dione Cefai.

Is-Sindku Josef Azzopardi kienu responsabbli min din l-attività.

**Ħarġiet għall-Anzjani**

Ikla organizzata nhar it- 18 ta' Diċembru ġewwa l-Euroclub , Buġibba bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-Milied. Il-Kunsllier Anthony Meilaq kien responsabbli mill-koordinazzjoni ta' din l-attivita'

- **Karnival 2024**

Nhar it-8 ta' Frar 2024 il-Kunsill organizza attivita' "Karnival fil-Marsa" fejn l-attivita' bdiet b'parata fi Triq Isouard u Triq Zerafa bil-parteċipazzjoni taż-żewġ baned Marsin u l-Big Guggen Band. Fost oħrajn kien hemm skejjel taż-Żfin, Maskaruni, sfilata bil-karrijiet u ġiet organizzata wkoll Kompetizzjoni ta' l-isbaħ kostum. Il-Kunsillier Dominic Spencer kien responsabbli minn din l-attività.

- **Kampanja Clean up**

F'Novembru ġiet organizzata ġurnata sabiex saru Clean ups madwar il-lokalita b'sehem ta' numru ta' NGOs. Fl-istess ġurnata il-Kunsill organizza open day b' sehem ta' l-staff u uffiċjal maniġerjali mir-Reġjun Nofsinhar responsabbli mil-iskart, fejn ingħatat informazzjoni dwar is-separazzjoni ta' l-iskart lil-pubbliku li attenda. Il-pubbliku ingħata token li kien provduti min Clean Malta.

**Għarfien Socjali**

- Inxtegħlet il-Binja tal-Kunsill roża għax-xahar ta' Ottubru bħala parti mill-inizjattiva ta' Pink October u blue għal Movembru.
- **Milied**

Il-Kunsill jarma diversi toroq fil-Lokalita' bid-dwal għal żmien il-Milied fosthom Triq Nerik Sacco, Triq Balbi, Pont San Tumas, Triq Zerafa, Triq Isouard.

Ġiet organizzat attivita' tal-Milied bit-tema Milied mal-Marsin li saret nhar it-13 ta' Diċembru fi Triq Stiefnu Zerafa. Bis-sehem taż-żewġ baned tal-Lokal kif ukoll il-Big Friends Guggen Musik li daru ma diversi toroq madwar il-lokalita'

ferħu lir-residenti bil-mużika tagħhom. Fi Triq Zerafa kien hemm diversi stalls ta' l-ikel, logħob tat-tfal kif ukoll kant minn wħud mill-aqwa kantanti ta' pajjiżna. Il-Kunsillier Dominic Spencer kien responsabbli minn din l-attività. Din l-attività' kif ukoll id-dekorazzjonijiet tal-Milied intlaqgħu b'mod tajjeb mill-komunità tal-Marsa. Il-Kunsill ingħata €17,800 minn skema ta' għajnuna mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali biex tkun tista' tittella' din l-attività'.

Fi żmien il-Milied ġewwa l-Binja tal-Kunsill tittella' Wirja tal-Presepji, wara li l-Presepju tal-Kunsill irritorna lura minn Brussell fejn kien esebit fil-Parlament Ewropew, infetħet il-wirja nhar it-18 ta' Diċembru fejn flimkien ma diversi presepji oħrajn seta' jitgawda kemm mir-residenti tal-lokal kif ukoll minn ammont sostanzjali ta' nies li ġew iżuru din il-wirja minn barra l-Lokal.
Din is-sena fi żmien il-Milied ġie organizzat ukoll Kors ta' Bini tal-Presepji li kien immexxi mill-presepista Alan Briffa bl-għajnuna tal-Kunsillier Dominic Spencer.

### 3.1 Safar

Din is-sena il-Kunsill kellu stedina mill-MEP Alex Agius Saliba bl-għajnuna tal-Ministru Owen Bonniċi u l-Ministru Clint Camilleri sabiex jesibixxi l-presepju tal-Kunsill ġewwa l-Parlament Ewropew fi Brussell. Il-Presepju telaq minn Malta għal Brussell nhar il-25 ta' Novembru 2024 fejn il-Kunsillier Dominic Spencer flimkien mall-presepista Alan Briffa u tim tiegħu ħadu ħsieb li jarmaw dan il-presepju. Il-Kunsill tal-Marsa wkoll telgħa għal ftuħ ta' din l-esebizzjoni ġewwa Brussell fejn preżenti kien hemm is-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsilliera

### 4.0 Riżorsi Umani

Il-Kunsill għandu ħames ħaddiema minn tal-komunità sabiex jassistu fuq xogħol ta' barra kif ukoll tindif fil-Binja tal-Kunsill. Għandu wkoll żewġ impjegat assenjat mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali fejn impjegat jagħmel xogħol ta' manutenzjoni filwaqt li l-mpjegat l-ieħor jgħin fil-customer care.

Għaldaqstant l-istaff tal-uffiċju huwa kompost minn Deputat Segretarju Eżekuttiv Mariella Strout, is-Sa. Dillian Adami bħala Assistant Prinċipal full time, is-Sa Leann Xuereb bħala Assitant Prinċipal, s-Sa Claire Grech u is-Sa Illaria Aquilina bħala skrivani. Dawn il-persuni dejjem ikunu lesti jagħmlu l-almu tagħhom biex jilqgħu l-ilmenti u jippruvaw, meta jkun possibbli, isibu soluzzjoni għall-problemi li jinqalgħu għalkemm dan mhux dejjem ikun possibbli.

## 5.0 Finanzi

Ir-rapport finanzjarju għas-sena 2024 (unaudited) jinsab anness ma’ dan ir-rapport bħala ANNESS . Hawn taħt wieħed għandu jsib tabella li tikkompara d-dħul u l-infiq għas-snin 2023 (audited) u 2024 (unaudited).

| **Dħul** | **€- 2023** | **€-2024** |
|---|---|---|
| Mill-Gvern | 895,334 | 1,156,751 |
| Mis-sistema ta' infurzar legali | 4,461 | 7,225 |
| Dħul ieħor | 191 | 4,393 |
| Minn By-Laws | 25,373 | 35,717 |
| Imgħax tal-bank | | |
| | 925,359 | **1,204,086** |

| **Infiq** | | |
|---|---|---|
| Is-Salarji | 185,121 | 187,047 |
| Manutenzjoni u Xogħlijiet | 675,342 | 944,944 |
| Amministrazzjoni u Spejjeż oħra | 162,306 | 185,660 |
| | 1,022,769 | **1,317,651** |

| | | |
|---|---|---|
| **Surplus / Defiċit** | -(97,410) | **- (113,565)** |

## 6.0 Konklużjoni

Nagħlaq dan ir-rapport amministrattiv billi nirringrazzja lill-Kunsilliera, lill-impjegati u lill-ħaddiema tal-Kunsill, tal-kollaborazzjoni tagħhom. Dan ix-xogħol kien maħsub, ippjanat u mwettaq mill-Kunsill Lokali bil-kollaborazzjoni u l-ħidma ta’ kulħadd. Bħala kumment dwar l-amministrazzjoni tal-Uffiċċju, nixtieq ngħid li dan ikun miftuħ regolarment mit-Tnejn sa Sibt f’ħinijiet stabbiliti mill-Kunsill.

Konklużjoni: Għaddiet sena oħra ta' ħidma intensiva mill-Kunsill Lokali. L-aħħar sitt xhur tat- disa leġiżlatura kienu hemm ħidma fejn ġew sprunati diversi proġetti għalkemm l-uffiċju amministrattiv kellu jgħaddi min perjodu ta’nuqqas ta’ tmexxija wara riżenja ta’ Segretarju Eżekuttiv f’ April 2024.
L-ewwel sitt xhur ta’ l-għaxar leġiżlatura jidher li hemm kunsens sabiex il-ħidma tal-Kunsill tkun iktar strutturata għall-ġid tal-komunità kif jidher mir-rapporti ta’ ħidma tal-Kunsilliera annessi ma’ dan ir-rapport.
Is-Sindku u l-Kunsilliera ħadu sehem f’diversi diskussjonijiet ma’ membri tal-Gvern dwar proġetti u inizjattivi li ser isiru fil-lokalità fis-snin li ġejjin.

IFFIRMAT
Deputat Segretarju Eżekuttiv